# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**Magistrat**

**Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D. DIP. MATR. (Can.)**

**Seduta mizmuma llum, 6 ta' Lulju 2016**

**Rikors Numru: 97/16 CSH**

**Fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru numru 611/16 fl-ismijiet:**

**Impel Communications Co. Ltd. (C 36517)**

**vs**

**Gerald Attard u Romina Attard**

**Illum, 6 ta' Lulju 2016**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ipprezentat minn Gerald Attard u Romina Attard nhar is-6 ta' Mejju, 2016 fejn esponew bir-rispett:

"*Illi fit-22 ta' Marzu, 2016 fuq talba tas-socjeta' intimata Impel Communications Co. Ltd. harget il-mandat ta' sekwestru numru 611/16 fl-ismijiet premessi kontra Gerald u Romina Attard fl-ammont ta' tlett elef, hames*

*mija w erbghin Ewro (€3,540) rapprezentanti servizz ta' reklamar u dan bhalma gie mitlub f'talba li gietipprezentata kontestwalment quddiem it-Tribunal ghal Talbiet iz-Zghar (kopja tal-mandat ta' sekwestru qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok. 'A'). L-imghax u l-ispejjez ma gewx kwantifikati u ghalhekk is-socjeta' intimata ghamlithom 'rizervati';*

*Illi fl-20 ta' April 2016, il-bank sekwestratarju Bank of Valletta p.l.c, pprezenta cedola b'numru 820/2016, f'liema cedola gie ddikjarat illi l-esponenti ghandhom bizzejjed fondi biex ikopru t-talba tas-socjeta' intimata. Ghaldaqstant, l-istess fondi gew depozitati fir-Registru tal-Qorti sakemm mat-Tribunal ghat-Talbiet iz-Zghar jiddeciedi l-mertu tal-kaz (kopja tac-cedola 820/2016 qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok. 'A');*

*Illi gjaladarba s-somma mitluba mis-socjeta' intimata giet depozitata fir-registru tal-Qorti, m'hemmx aktar htiega li l-mandat odjern jibqa' in vigore u dan ghaliex:*

*a. Is-somma mitluba mis-socjeta' intimata diga' qeghda depozitata fir-Registru tal-Qorti, liema somma ma tistax tigi zbankata qabel ma jkun hemm decizjoni fuq dak il-mertu; u*

*b. Il-fatt li l-mandat ta' sekwestru ghadu vigenti qed johloq diversi problemi lill-esponenti li jiggestixxu diversi hwienet madwar Malta u ghalhekk qed isibuha difficli biex ikomplu bl-operat taghhom inkluz li jhallsu l-paga lill-haddiema taghhom;*

*Ghaldaqstant l-esponenti umilment jitolbu bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

*Tordna ghar-ragunijiet imsemmija fil-paragrafi 2 u 3 ta' dan ir-rikors, ir-revoka tal-mandat ta' sekwestru numru 611/16 fil-konfront tal-esponenti;*

*U dan taht kull provvediment iehor li din l-Onorabbli Qorti joghgobha xieraq timponi.*

*Bl-ispejjez.*"

Rat id-digriet taghha tas-17 ta' Mejju 2016 fejn ordnat li dan ir-rikors jigi notifikat lill-kontroparti u appuntatu ghas-smiegh.

Rat illi fis-seduta appuntata dehru l-partijiet assistiti u r-rikors gie trattat.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-fatti, li ma jidhrux kontestati, li taw lok gal dan ir-rikors huma s-segwenti:

a. Illi s-socjeta' intimata kienet harget Mandat ta' Sekwestru Numru 611/16 fl-ismijiet inversi fl-ammont ta' tlett elef, hames mija u erbghin ewro (€3,540) rapprezentanti servizz ta' reklamar u dan kif gie mitlub permezz ta' avviz li hemm subjudice quddiem it-Tribunal ghat-Talbiet iz-Zghar u dan bhala kawtela ta' dan l-allegat debitu li s-socjeta' intimata temmen li ghandha fil-konfront tar-rikorrenti odjerni.
b. Illi jidher li dan il-mandat gie esegwit fuq il-flejjes bankarji tal-istess rikorrenti tant il-HSBC permezz ta' cedola ta' depozitu pprezenta taht l-awtorita' tal-Qorti din l-istess somma ta' tlett elef, hames mija u erbghin ewro (€3,540) sabiex din l-istess somma tigi zbankata '*minn min ghandu dritt skond il-ligi*'.
c. Illi ghalhekk ir-rikorrenti qed jitolbu sabiex din il-Qorti tordna il-hrug ta' kontro-mandat stante li l-ammont mitlub mis-socjeta' intimata fil-Mandat ta' Sekwestru numru 611/16 huwa kawtelat.
d. Is-socjeta' intimata qed topponi ghal hrug ta' dan il-kontro-mandat u dan ghaliex issostni li l-ispejjez tal-kawza li qed tinstema' quddiem it-Tribunal ghat-Talbiet iz-Zghar, l-ispejjez tal-mandat ta' sekwestru huma skoperti.

**Ikkunsidrat:**

Kif inghad mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza '**Camilleri vs Gove` et'**, deciza fl-10 ta' Mejju, 2001 fuq Rikors Numru 286/01:

"li mid-disposizzjoni tal-istess **artikolu 836** jidher li l-unika ezami li trid taghmel din il-Qorti huwa dak biss ta' *prima facie*, u dan ghaliex il-mertu kollu jigi nvestigat fil-kawza proprja bejn il-partijiet, u ghalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-ezami li trid taghmel il-Qorti f'dan l-istadju, u dan tenut kont li hawn si tratta dejjem ta' procedura preliminari, li ghad qed tistenna l-ezitu finali tal-kawza proprja."

Illi l-iskop ta' mandat kawtelatorju huwa li persuna tikkawtela d-drittijiet gja ezistenti taghha u mhux li tiggarantixxi d-drittijiet potenzjali futuri taghha. Dan johrog car minn qari tas-sentenza moghtija mill-Onorabbli ta' l- Appell fil-kawza fl-ismijiet **"Carmela Aquilina vs Francis X. Aquilina"** deciza fis-27 ta' Novembru, 1991 fejn inghad:

"*id-dritt ta' kawtela – cjoe` d-dritt procedurali - li ma huwiex id-dritt sostanzjali li – jista' jigi kawtelat. Dawn (id-dritt procedurali u d-dritt sostanzjali) huma zewg drittijiet distinti u ma jistghux jigu ridotti u konfuzi fi dritt wiehed……… Huwa ovvju li l-jedd imsemmi fil-mandat m'huwiex id-dritt li taghmel il-mandat imma huwa d-dritt li ghalih il-kreditur ghamel uzu mid-dritt li johrog il-mandat.*

*Illi ghalhekk il-kwistjoni kollha hija li ma "tikkonfondix il-kuncett ta' kawtela ma' dik ta' garanzija ta' drittijiet".*

It-talba odjerna tirrigwarda talba ghar-revoka ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju 611/16 ai termini tal-Artikolu 836(1)(c)(e) u (f) tal-Kapitolu 12.

Illi l-artikolu 836 (1) (c), (e) u (f) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdu li:-

"(1) *Minghajr ebda pregudizzju ghal kull jedd iehor taht dan il-Kodici jew kull ligi ohra, l-intmat li jkun hareg att kawtelatorju kontrih jista' jaghmel rikors lill-qorti li tkun harget l-att kawtelatorju, jew inkella, jekk tkun saret kawza, jista' jaghmel rikors lill-qorti li tkun qeghda titratta dik il-kawza li fih jitlob li l-att kawtelatorju jigi revokat, sew ghal kollox sew f'parti minnu, ghal xi wahda minn dawn ir-ragunijiet li gejjin:-*

*(c) li jkun hemm garanzija xierqa oħra sabiex tissodisfa l-pretensjoni ta' min ikun talab il-ħruġ tal-att kawtelatorju sew bil-ħruġ ta' att kawtelatorju ieħor, jew inkella jekk dik il-garanzija oħra tista' għas-sodisfazzjon tal-qorti tassigura biżżejjed il-pretensjoni*
*(e) jekk il-garanzija mogħtija titqies mill-qorti li tkun biżżejjed;*
*(f) jekk jintwera li fic-cirkostanzi ma jkunx ragonevoli li jinzamm fis-sehh l-att kawtelatorju jew parti minnu jew dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar mehtieg jew gustifikabbli*".

Qabel ma tezamina, il-kawzali fuq indikati, din il-Qorti sejra ssemmi whud mill-principji elementari illi fuqhom jissejsu kawzi dwar Revoka ta' Mandati kawtelatorji.

Il-Qrati enuncjaw principji importanti fir-rigward ta' kawzi dwar revoka ta' Mandati Kawtelatorji fejn l-ezami li hija mistennija illi taghmel il-Qorti huwa wiehed prima facie. Illi fil-kawza fl-ismijiet "**Castelli Av. Carmelo noe vs Focal Maritime Services Ltd et**" tas-26 t`April 2002 per Onor Imhallef Dr. G. Camilleri intqal hekk:

"*Skond l-Artikolu 836 (d) u (f) tal-Kap 12 jista' jigi revokat jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx 'prima facie' gustifikat jew ikun eccessiv jew jekk jintwera li fic-cirkostanzi ma jkunx ragonevoli li jinzamm fis-sehh l-att kawtelatorju jew parti minnu mhuwiex aktar mehtieg jew gustifikabbli. L-ezami li trid taghmel il-Qorti f`dan il-kuntest huwa wiehed 'prima facie'.*"

Illi fid-digriet fl-ismijiet "**Joseph Camilleri et vs Anthony Gove' et**" tal-10 ta' Mejju 2001 per Onor Imhallef Dr. R. C. Pace, u "**Josephine Sammut vs Emanuel Sammut et**" tad-29 ta' Novembru 2001 per Onor Imhallef Dr. R. C. Pace inghad ukoll:

"*li mid-dispozizzjoni tal-istess Artikolu 836 jidher li l-unika ezami li trid taghmel din il-Qorti huwa dak biss ta' 'prima facie', u dan ghaliex il-mertu kollu jigi nvestigat fil-kawza propja bejn il-partijiet, u ghalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-ezami li trid taghmel l-Qorti f'dan l-istadju, u dan tenut kont li hawn 'si tratta' dejjem ta' procedura preliminari, li ghad qed tistenna l-ezitu finali tal-kawza proprja.*"

Hekk ukoll fid-decizjoni fl-ismijiet "**Tanya Chetcuti proprio et nomine vs Hugo Chetcuti**" tas- 27 ta' Gunju 2002 per Onor Imhallef Dr. R. C. Pace inghad:-

"*Illi fil-fatt jista' jinghad li dak li trid taghmel il-Qorti f'din il-procedura huwa biss sabiex tezamina 'prima facie' jekk min hareg il-mandat kellux pretensjoni legali ghall-istess, u dan indipendentement jekk tali pretensjoni hijiex fondata jew le, peress li dan l-ahhar ezami jifforma l-mertu tal-kawza, li din il-Qorti bil-procedura premessa, ovvjament ghandha thalli fil-gudizzju taghha, jew ta' Qorti ohra, ghall-ezitu tal-kawza. ("**P.J. Sutters Company Limited vs Concept Limited**" – P.A. (RCP). 10 ta' Mejju 2001; "**Visa Investments Ltd vs Blye Engineering Co. Ltd**" P.A. (RCP) 7 ta' Frar 2001*)".

Vide ukoll ("**Yorkie Clothing Industry Ltd" u "Calleja Cremona Dr. Lilia**n" –tat-30 ta ` Mejju 2002 per Onor Imhallef Dr. R. C. Pace) kif ukoll "**John Zarb vs Port Cottonera Ltd**" tas-16 ta` Settembru 2002 per Onor Imhallef Dr. T. Mallia).

Ir-rikorrent qed joffru bhala garanzija alternattiva flus despositati l-Qorti tramite cedola ta' depositu mill-HSBC permezz ta' cedola numru 820/16, u dan bil-ghan li l-Qorti tordna l-hrug ta' kontro-mandat. Il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-proceduri fl-ismijiet '**Magri vs Magri'** (6 ta' Novembru 2014) ipprecizat fil-kuntest ta' garanzija alternattiva illi:

"*d-dicitura tal-paragrafu (c) [tal-Artikolu 836 (1)] ma tistax titqies b'mod superficjali izda ghandha titqies b'mod akkurat ghaliex hija tal-fehma li bl-ghazla tal-aggettivi xierqa u bizzejjed li ghamel, il-legislatur ried jassikura li l-garanzija alternattiva tkun tajba daqs dik kawtelata bil-mandat.*"

Illi apparti dan issir referenza wkoll għas-sentenza fil-kaz **"Lombard Bank plc vs Dr Melvyn Mifsud et"** (302/15 LSO 30/4/2015) fejn ġie ribadit:

"Kwantu ghall-artikolu 836(1)(f) tal-Kap.12.(f) gie kostantament ritenut mill-Qrati taghna, ad ezempju, din il-Qorti kif diversament presjeduta fil-kaz "**Spiteri v Darmanin" - (PA(JRM)** dec. fil-25 ta' Awwissu "*Illi jingħad ukoll li d-dispożizzjoni tal-liġi taħt eżami timplika li, wara l-ħruġ tal-Mandat, tkun tbiddlet xi ċirkostanza li minħabba fiha ma jkunx xieraq li l istess Mandat jibqa' (għal kollox jew in parti) fis-seħħ. Din it-tifsira toħroġ mill-kliem "jinżamm" u "aktar meħtieġ" li jinsabu fl-imsemmija dispożizzjoni, liema termini t-tnejn jimplikaw li dak li qabel kien jiġġustifika l-ħruġ u ż-żamma fis-seħħ tal-Mandat issa m'għadux il-każ;*"

Il-Qorti m'ghandha zzid xejn izjed ma' dan ir-ragunament. Tajjeb li tfakkar dak li gie korrettement osservat il-Qorti fil-kaz "**Mangion Galea v Stewart**" fuq citat "*Illi wiehed ghandu jqis ukoll li, qabel dahlu fis-sehh il-bidliet fil-ligi procedurali fl-1995, ma kien moghti l-ebda rimedju bhal dak mitlub illum mir-rikorrent ghat-tnehhija ta' Mandat, sakemm kien ikun gie mistharreg il-mertu tal-kwistjoni.*"

Sabiex issir din l-analiżi wieħed irid iqis jekk mid-data tal-ħruġ tal-mandat għadhomx jissussistu l-kundizzjonijiet għall-ħruġ tal-Mandat.

Illi l-kundizzjonijiet għall-ħruġ ta' mandat huma s-segwenti:

Is-socjeta' intimata harget dan il-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju numru 611/16 fl-ismijiet inversi bhala kawtela ghall-pretensjoni li allegatament ghandha fil-konfront tar-rikorrenti formanti parti minn kawza li qed tinstema quddiem it-Tribunal ghat-Talbiet iz-Zghar. Illi f'dan il-Mandat ta' Sekwestu l-ammont li s-socjeta' intimata qed tikkawtela hija s-somma tlett elef, hames mija u erbghin ewro (€3,540) *sic et simplicite* u ghalhekk l-ammont li s-socjeta' intimata sa issa qed tippretendi hija biss s-somma ta' tlett elef, hames mija u erbghin ewro (€3,540). Illi in segwitu tal-hrug ta' dan il-Mandat, ir-rikorrenti kellhom il-flejjes bankarji taghhom mimsusa tant li l-HSBC iddeposita mill-kont taghhom is-somma mitluba mis-socjeta' intimata. Illi ma hemmx dubju li din is-somma hekk depositata hija garanzija adegwata u tajba sabiex taghmel tajjeb ghall-pretensjoni tas-socjeta' intimata u dan ghaliex jekk jigi deciz li hija kreditrici tar-rikorrenti odjerni tkun tista a bazi tas-sentenza li tinghata tirtira l-flejjes depositati. Illi huwa minnu li effettivament verament ir-rikorrenti jistghu jigi kkundannati ihallsu xi spejjez ancillari pero' l-iskop tal-mandat ta' sekwestru mhux dak li jikkawtela xi flejjes futuri li ghad iridu jigu likwidati izda sabiex jikkawtela dak li fil-fehma ta' min qed jitlob il-hrug tieghu ikun gja dovut.

**Ghaldaqstant, din il-Qorti qieghda tilqa' it-talba rikorrenti u tordna il-hrug tal-Kontro-Mandat opportun fuq il-Mandat ta' Sekwestru 611/16 fl-ismijiet fuq imsemmija a spejjez tal-istess rikorrenti.**

**L-ispejjez ta' din il-procedura huma wkoll a karigu tal-istess rikorrenti.**

**Dr Consuelo Scerri Herrera LL.D.**
**Magistrat**

**Graziella Attard**
**Deputat Registratur**